# TFITTXIJA GĦAL ATLANTIS (5)

## Aktar skoperti



JOSEPH SERRACINO



Lokalitajiet oħrajn madwar id-dinja fejn jaħsbu li tinsab Atlantis

Fit-taqsima tal-ġimgħa l-oħra qrajna dwar d-diversi teoriji fejn jaħsbu li tinsab mgħarrqa Atlantis, u dwar xi sejbiet ta' fdalijiet tal-qedem li nstabu f'lokalitajiet differenti. F'din it-taqsima se nkomplu niskopru fdalijiet oħra mxerrdin f'lokalijiet oħra.

Henry Breuil irrefera għal razza bajda li kienet tgħix fl-Afrika ta' Isfel u li dawn in-nies kellhom xagħarhom safrani jew ħamrani. Dawn il-graffiti, li nstabu f'Namib u Bradberg, jidhru ċari u huma simili ħafna għal dawk li hemm fl-Eġittu u fil-gżira ta' Kreta. Hemmhekk instabu rjus tar-razza Ewropea li jmorru lura bejn 8,000 u 6,000 sena qabel Kristu. Il-graffiti 'White Lady' li nstabet fl-Afrika ta' Isfel u li jingħad li għandha bejn 3,000 u 5,000 sena, tirrappreżenta mara bajda b'xagħarha ħamrani u raġel warajha liebes ilbies Kretan kif ukoll irġiel suwed u ċerva selvaġġa.

Fl-1970 Dr R. Brown esplora piramida f'qiegħ il-baħar 'il barra mill-Baħamas. L-erba' għaddasa li kellu miegħu sabu toroq, koppli, strutturi f'forma rettangulari, strumenti metalliċi mhux identifikati u saħansitra statwa qiegħda żżomm kristalla b'piramida ċkejkna fiha. Meta din l-istatwa ttieħdet fl-Università ta' Florida biex jeżaminawha u ġiet amplifikata, instab li l-enerġija għaddiet minnha. Dr Brown isostni wkoll li fl-iskoperti li għamel instabu kristalli bħalha u f'bosta każi ta' tiftix ieħor fil-baħar Atlantiku nstab ukoll ħafna fuħħar.

Fl-1981 fi spedizzjoni li saret minn P. Cappellano ġew skoperti fdalijiet misterjużi b'simboli strambi f'qiegħ il-baħar 'il barra mill-Gżejjer Canary. Fil-fatt xi kittieba jassoċjaw dawn il-gżejjer, li jinsabu fl-Oċean Atlantiku 'l isfel mill-Istrett ta' Ġibiltà ma' Atlantis. Huma jemmnu li dawn il-gżejjer huma l-qċaċet tal-għoljiet li jsemmi Platun fil-kitba tiegħu, u li dawn huma xhieda konkreta tal-eżistenza ta' din il-gżira kontinent.

Jim Allen, kartografu famuż u awtur tal-ktieb "Atlantis – Andes Solution" jsostni li sab lil Atlantis fil-kontinent Sud Amerikan. Fil-fatt fil-pajjiżi ta' dan il-kontinent, speċjalment fil-Bolivja u l-Perù, instabu ċiviltajiet antiki li jmorru lura eluf kbar ta' snin, u li l-fdalijiet tagħhom jixbħu ħafna lil dawk ta' Atlantis. Quddiem dawn il-fatti nibtet mistoqsija li sal-lum għadna bla tweġiba, 'Jekk dawn il-fdalijiet ma kinux ta' Atlantis, allura ta' min kienu?' Xi studjużi jsostnu li d-dominju ta' Atlantis kien mifrux fuq iż-żewġ kontinenti, u li l-qxur tal-baħar tagħha li kienu mibnijin mill-qasab kienu b'saħħithom biżżejjed biex jittrasportaw tagħbijiet kbar minn port għall-ieħor u setgħu jivvjaġġaw fit-tul.

Skont Cel. Braghine, l-awtur tal-ktieb "The Shadow of Atlantis" ċerti tribujiet ta' Indjani Venezwelani msejħin Paria kellhom ġilda bajda u kellhom tradizzjonijiet tal-katakliżma l-kbira li ġarrfet kompletament lill-art oriġinali tagħhom li kienet gżira kbira 'l bogħod fl-oċean u abitata minn razza avvanzata, twajba u mhux differenti mill-Atlantjani. Il-Toltecs li kienu l-predeċessuri tal-Majas jagħmlu referenza għal dan il-kontinent li kienu jsejħulu Aztlan. Il-Majas, Aztecs u l-Nahautis kienu sejħu l-eroj ċivilizzati bojod li kienu ġew mill-gżira mgħarrqa b'ismijiet ta' Quetzalcoati, Kukulkan, Gucumatz u Bochica, li fil-lingwa tagħhom ifissru "Draguni tar-Rix".

Fi spedizzjoni li kien għamel Dr Maxine Asher fl-1973 f'qiegħ l-Oċean Atlantiku 'l barra mill-kosta ta' Spanja nstabet belt sħiħa.

Fdalijiet ta' toroq u bini ieħor instabu 'l barra mill-gżejjer ta' Bimini fl-1960. Dawn il-fdalijiet ġew fotografati u wara ġew inklużi f'pubblikazzjoni minn Dr Manson Valentine u Steven Forsberg, kofundatur tal-gazzetta "Lahaina Times", li esplora dawn il-fdalijiet fl-1982.

Fdalijiet simili ġew fotografati minn Cay Sal fil-Baħamas. Dawn il-fdalijiet għandhom l-istess kostruzzjoni bħal dawk tal-aktar belt antika li qatt instabet fuq l-art f'Tiajuanaco fil-Boliva, fejn skont l-arkeoliġisti kien instab kalendarju li juri l-pożizzjoni eżatta tal-istilel u l-pjaneti 27,000 sena ilu, madwar 20,000 sena qabel l-eqdem ċiviltà li sa issa nafu biha.

Fdalijiet simili wkoll instabu 'l barra mill-Marokk taħt 20 metru ilma. Sejba oħra rrappurtata kienet dik minn Tony Benik li kienet tikkonsisti f'Piramida kbira b'għaxar kmamar kbar bis-saqaf tagħha tal-kristall li nstabet f'nofs l-Ocean Atlantiku f'fond ta' madwar 3,000 metru.

Leicester Hemingway ikkonferma li l-għaddasa tiegħu sabu meded kbar ta' fdalijiet li jixbħu lill-irħam abjad f'qiegħ il-baħar 'il barra minn Kuba.

Bażi strutturali kbira 30 metru bi 22 metru nstabet f'qiegħ il-baħar 'l barra mill-gżira Andros fil-Baħamas.

Heinrich Schilemann, il-bniedem li sab u skava l-fdalijiet ta' Troja li ħafna storiċi kienu jqisuha bħala leġġenda, fil-kitba tiegħu jsemmi li ġo važun tal-bronż u metall ieħor mhux magħruf mix-xjenżati, instab glifu fil-Feniċju (karattri/simboli skolpiti ) li kien jgħid li dan il-važun kien intbagħat mis-Sultan Chronos ta' Atlantis. Fdalijiet identiċi tal-fuħħar instabu wkoll f'Tiajuanaco, Bolivja.

L-Aztecs, il-Majas, l-Incas u diversi tribujiet oħra ta' Indjani kienu qalu lill-esploraturi bl-għarrqa ta' Atlan (Atlantis) fl-Oċean Atlantiku u bl-għarrqa ta' Mu (Lemuria) fl-Oċean Paċifiku.

F'qiegħ l-Oċean Paċifiku nstabu fdalijiet ta' belt antika 'l barra mill-Gżira Ponape. Fdalijiet oħra nstabu taħt l-ilma madwar 30 mil 'il barra minn Easter Island.

Instabu fdalijiet ta' triq antika li minn fuq il-Gżira Karatonga din it-triq tindifen taħt l-ilmijiet tal-oċean għal bosta mili u terġa' titfaċċa mill-ġdid f'wiċċ l-ilma u tkompli f'direzzjoni dritta għal fuq gżira oħra.

Il-Professur Menzies mill-Università Duke ħa ritratti ta' fdalijiet ta' ċiviltà antika f'qiegħ il-baħar bejn il-Perù u Taħiti b'ġeroglifiku (tinqix ta' simboli) mhux magħruf fuq kolonna.

Fdalijiet Monolitiċi (skultura maħduma minn ħaġra waħda) ta' ċiviltajiet mitlufin bis-snin instabu fuq sitt gżejjer fl-Oċean Paċifiku, li skont xi wħud jingħad li huma l-qċaċet ta' muntanji Lemunani li baqgħu jidhru f'wiċċ l-ilma.

Xi studjużi jemmnu li Atlantis kien kontinent fl-Oċean Atlantiku b'ċiviltà avvanzata ħafna u li skont Platun żviluppa madwar 11,600 sena ilu u li għeb taħt l-ilma wara katakliżma vulkanika. Xi kittieba jsostnu li x-xjenza kif mgħallma fl-iskejjel ma taċċettax l-eżistenza ta' Atlantis għax s'issa ma nstabu l-ebda traċċi reali li juru b'mod konkret li din il-gżira kontinent eżistiet tabilħaqq.

Iżda dejjem skont dawn il-kittieba, ir-raġuni għala ġara dan hi sempliċi ħafna, u dan għax it-tfittxija għal Atlantis qiegħda ssir f'lokalitajiet żbaljati, meta fil-fatt din il-gżira kontinent tinsab mgħarrqa fin-naħa l-oħra tad-dinja, jiġifieri fl-Oċean Paċifiku.

Huma jsostnu li Atlantis u Lemuria kienu ż-żewġ kontinenti li sfaw mgħarrqa bejn 10,000 u 12,000 sena ilu. Waqt li Atlantis kienet il-ħolqa bejn iż-żewġ kontinenti Amerikani, l-Ewropa u l-Afrika ta' Fuq, Lemuria kienet tinsab fl-Oċean Paċifiku 'l fuq mill-kontinent tal-Amerika ta' Isfel u l-Asja.

Oħrajn huma tal-fehma li l-isem tal-oċean Atlantiku ġej mill-gżira ta' Atlantis li fil-qedem kienet tagħmel parti minnu u li llum tinsab mgħarrqa fih. Jekk din it-teorija hix imsaħħa u kkonfermata xjentifikament ma nafx eżatt, iżda żgur li wħud minn dawn il-kittieba jqisu din it-teorija bħala waħda valida u li l-aktar tagħmel sens.

Xi wħud isostnu wkoll li Lemura hija verżjoni antika ta' Atlantis. Fil-fatt, lil Lemura jxebbhuha mal-Ġnien ta' Eden fejn jingħad li twieled il-bniedem u originat l-ewwel ċiviltà. Fiż-żmien is-silġ, bejn 20,000 u 30,000 sena ilu, il-popli ta' din il-ċiviltà antika bdew jinxterdu u jfittxu postijiet ġodda fosthom Altantis.

*Ikompli f'ħarġa oħra*